MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tas-27 ta' Ottubru, 2009

Citazzjoni Numru. 115/2009

Kawza fil-lista: 24

**AB, f' isimha proprju**
**u bhala kuratrici 'ad litem' tal-minuri binha C**
**vs**
**DE,**
**Direttur tar-Registru Pubbliku**
**u F B**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attrici ppremettiet u talbet hekk :

1. Illi r-rikorrenti zzewget lill-konvenut F B fil-11 ta' Lulju 1999;

2. Illi l-istess attrici infirdet mill-imsemmi konvenut permezz ta’ kuntratt ppublikat fl-atti tan-Nutar John Spiteri f’ Dicembru 2007, izda kienet ilha ghal xi zmien gja fizikament mifruda minnu qabel id-data tal-kuntratt imsemmi.

3. Illi l-attrici bdiet relazzjoni mal-konvenut DE minn qabel id-data tas-separazzjoni hawn fuq imsemmija, u minn din ir-relazzjoni twieled tifel bl-isem ta’ C, fit-22 ta’ Gunju 2008, liema tifel minuri huwa allura l-wild naturali ta’ l-istess konvenut DE.

4. Illi meta l-imsemmi DE mar jirregistra t-tifel mar-Registru Pubbliku, kien kostrett illi jirregistra t-tifel minuri fuq isem F B meta huwa kien jaf ben tajjeb illi t-tifel minuri huwa tieghu.

5. Illi sussegwentement ittiehdu anke l-ezamijiet medici opportuni – DNA Tests – li jikkonfermaw illi l-minuri C huwa in effetti it-tifel naturali tal-intimat DE.

6. Illi hemm lok ghalhekk illi c-certifikat tat-twelid ta’ C jigi emendat fis-sens illi l-paternita’ ta’ l-istess minuri tkun korrettement tirrispekkja u tikkonforma mal-fatt illi l-imsemmi intimat DE huwa l-missier naturali tal-minuri.

7. Illi inoltre, l-imsemmi konvenut DE mhux jopponi illi t-tifel minuri huwa l-wild naturali tieghu u ma ghandhix opposizzjoni illi l-minuri jkollu ismu bhala l-missier naturali tieghu.

Ghaldaqstant, l-attrici pro et noe qieghda titlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex, prevju kull dikjarazzjoni li jidhrilha xierqa u opportun,

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi l-imsemmi minuri C mhux it-tifel naturali tal-konvenut F B, zewg l-attrici ommu, izda huwa t-tifel naturali tal-konvenut DE, b’ mod illi hemm lok ghall-korrezzjoni ta’ l-att tat-twelid ta’ l-imsemmi minuri C f’ dan is-sens.

2. Tordna ghalhekk il-korrezzjoni mehtiega fl-att tat-twelid ta' C, numru 2203 tas-sena 2008, sabiex il-paternita' tal-minuri tigi korrettament rispekkjata fl-istess att, billi fil-kolonna fejn jinsabu mnizzla l-konnotati tal-missier, il-konnotati tal-konvenut jigu kkancellati u minflok jitnizzlu l-konnotati tal-konvenut DE, kif dawn jirrizultaw mill-provi migbura f' din il-kawza u kif ukoll billi kunjom il-minuri jigi jaqra E minflok B.

Bl-ispejjez kollha kontra l-konvenuti li huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku ;

Rat li fl-udjenza tat-18 ta' Gunju 2009 il-konvenut DE ddikjara li jaderixxi mat-talbiet attrici ;

Rat li l-konvenut F B debitament ingunt ghazel li jibqa' kontumaci ;

Rat ir-rapport xjentifiku [DNA] ta' l-Analista Christopher Farrugia u ta' l-Ispizjara Dottoressa Marisa Cassar ;

Rat l-Avviz mahrug fil-Gazzetta tal-Gvern skond l-artikolu 254 tal-Kap.16 ;

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi l-affidavits prezentati;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat;

Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attrici qeda titlob dikjarazzjoni minn din il-Qorti fis-sens li t-tifel C li hi weldet fit-22 ta' Gunju 2008 u registrat fl-att tat-twelid tieghu numru 2203/08 bil-kunjom 'B', mhuwiex il-wild naturali ta' zewgha l-konvenut F B, izda huwa l-wild naturali tal-konvenut DE; u talbet id-debiti korrezzjonijiet fl-imsemmi att tat-twelid.

Illi mill-provi jirrizulta li f' Novembru 2007 l-attrici u l-konvenut F, konjugi B, isseparaw de facto; u l-attrici kompliet bir-relazzjoni li hi kienet qabdet f' Settembru 2004 mal-konvenut DE.  Minn din ir-relazzjoni extra-matrimonjali twieled il-minuri C fit-22 ta' Gunju 2008.

L-attrici tikkonferma li r-relazzjonijiet intimi bejnha u bejn zewgha F B kienu waqfu ghal kollox circa ghaxar xhur qabel Novembru 2007.  Minn dak in-nhar il quddiem hija kellha relazzjonijiet intimi mal-konvenut DE biss ;  u ghalhekk tghid li t-tifel huwa l-wild ta' DE.

Illi t-tezi ta' l-attrici ssib konfort fir-rapport xjentifiku li jikkonferma lill-konvenut DE bhala l-missier bijologiku tat-tifel C.

Dan premess u kkunsidrat it-talbiet ta' l-attrici huma gustifikati fil-fatt u fid-dritt, u jimmeritaw li jigu milqugha.

Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi tilqa' t-talbiet attrici, u, wara li tiddikjara li t-tifel C li twieled fit-22 ta' Gunju 2008 mhuwiex il-wild naturali tal-konvenut F B, izda huwa l-wild naturali tal-konvenut DE, tordna li jsiru d-debiti korrezzjonijiet fl-att tat-twelid numru 2203/2008 skond it-tieni talba.

L-ispejjez jkunu a kariku ta' l-attrici f' isimha proprju u tal-konvenut DE, konguntivament, f' porzjonijiet ugwali.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------